- *Cargo Claim* –

- *Limitation of Liability* –

- *Relazzjoni Gudika* –

- *Polza ta' Karigu* -

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' April 2002**

**Kawza Numru: 21**
**Citazzjoni Numru: 1709/97/RCP**

**Is-socjeta' Citadel Insurance Services Limited u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici estera ASSITALIA – LE ASSICURAZIONI D'ITALIA Spa surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha E. Calleja & Sons Ltd. sija bil-polza u sija bil-ligi.**

**vs**

**Is-socjeta' Sullivan Shipping Agencies Limited bhala agenti ta' Overbruck Seafreight armaturi tal-vapur "Peninsular Bay" u bhala operaturi ta' *bonded stores.***

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' E. Calleja & Sons Limited impurtat mill-Germanja tliet (3) *pallets* kontenenenti diversi *electrical equipment* kif jirrizulta dettaljatament mid-*Delivery Note / Packing List* annessa bhala dokument "A" u mill-*Bill of Lading* li kopja tieghu qed tigi hawn annnessa markata bhala dokument "B" u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, li waslu Malta fit-28 ta' Ottubru 1996 kif jirrizulta min-*Notice of Arrival*, kopja Dok. "C";

Illi meta l-merkanzija kienet ghadha fil-*bonded stores* taht il-kustodja tas-socjeta' konvenuta, sar *survey* bi ftehim bejn it-tliet partijiet koncernati, u cioe' is-socjeta' importatrici E. Calleja & Sons Limited, is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta, li minnu irrizulta kien hemm hsarat u nuqqasijiet kif jirrizulta mid-dokument "D" anness;

Illi ghal dawn in-nuqqasijiet u hsarat is-socjeta' assikuratrici kif obbligata sia bil-polza u sia bil-ligi hallset is-somma ta' Lm1,844.00,0 a bazi tad-dokumenti "E" u "F" u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha (Dok. "G");

Illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' impurtatrici;

L-istess socjeta` attrici talbet ghalhekk li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-istess socjeta' konvenuta responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat fuq imsemmija;

2. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf tmien mija u erbgha u erbghin lira Maltija (Lm1,844) *in linea* ta' danni sofferti mis-socjeta' impurtatrici u li d-drittijiet ghalihom gew surrogati lis-socjeta' attrici, oltre l-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 18 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta tat-18 ta' Mejju 1998 a fol. 22 fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament, is-socjeta' konvenuta ghandha tigi lliberata mill-osservanza ta' gudizzju bhala agenti tal-armaturi tal-vapur "Peninsula Bay" *stante* illi hija ma hijiex l-agent ta' tali armaturi u qatt ma kienet;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta ma ghandhiex tinzamm responsabbli ghad-danni sofferti miIl-assigurat tas-socjeta' attrici, u dana ghax il-merkanzija in kwistjoni giet mghobbija mis-socjeta' Saco Shipping GMBH, li taghhom huma agenti s-socjeta' Palm Shipping Agency Limited, *stante* illi kien sar *co-loading* ma' dina s-socjeta' u dina l-merkanzija tghabbiet fil-*container* tas-socjeta' Saco Shipping GMBH;

3. Illi, in vista tas-suespost, ghandha tigi kjamata in kawza is-socjeta' Palm Shipping Agency Limited bhala agent tas-socjeta' Saco Shipping GMBH li kienet is-socjeta' li ghabbiet u hattet il-merkanzija meritu ta' dina l-kawza, kif jidher f'Dok. "JES 1";

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni rikjesti mis-socjeta' attrici huma eccessivi, u dana kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza;

5. Illi, minghajr pregudizzju, ir-responsabbilta' ghall-hlas ghandu jkun limitat *ai termini* tal-Klawsola 8 tal-*Multimodal Transport Bill of Ladings Conditions* li kienu annessi mal-*Bill of Lading* rigwardanti l-merkanzija in kwistjoni Dok. "JES 2";

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta a fol. 23 sa 27 tal-process.

Rat il-verbali tal-21 ta' Mejju 1998 fejn il-kawza giet differita biex tinstema' minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Frank G. Camilleri; tas-26 ta' Frar 1999 fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-provi sa fejn hu possibbli bil-procedura tal-affidavit sal-15 ta' Settembru 1999 u fin-nuqqas li jintlahaq ftehim il-kawza giet differita ghall-25 ta' Ottubru 1999.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici tal-10 ta' Settembru 1999 a fol. 36 sa 44 li permezz taghha esebiet affidavit ta' Patrick Muscat.

Rat in-nota sussegwenti tas-socjeta' konvenuta tal-4 ta' Ottubru 1999 a fol. 45 li biha ddikjarat li trid taghmel il-kontro-ezami ta' Patrick Caruana u Francis Zahra.

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta' Ottubru 1999; tas-17 ta' Marzu 2000; tal-10 ta' Mejju 2000; tal-11 ta' Ottubru 2000 fejn il-Qorti ffissat terminu ta' 30 gurnata ghall-prezentata ta' affidavits mis-socjeta' konvenuta u ddikjarat li fin-nuqqas tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li hemm.

Rat il-verbali tat-23 ta' Novembru 2000 fejn Dr. Francesco Depasquale pprezenta l-affidavits tieghu u l-kawza giet differita ghall-kumplament tal-provi; tat-8 ta' Frar 2001; tat-28 ta' Marzu 2001 fejn xehed Brian Gatt; tat-12 ta' Lulju 2001; tat-28 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti mmultat Lm100 multa lix-xhud Brian Gatt li ghalkemm debitament ingunt baqa' ma deherx; u tat-30 ta' Jannar 2002 fejn xehed Brian Gatt. Il-Qorti prefiggiet terminu ta' 40 gurnata lis-socjeta' attrici ghall-prezentata ta' nota ta' osservazzjonijiet bil-kontro-parti jkollha wkoll 40 gurnata biex tirrispondi. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum 25 ta' April 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din l-kawza qed issir stante li s-socjeta` attrici, bhala socjeta` assiguratrici li giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha, is-socjeta` importatrici E Calleja & Sons Ltd qed titlob il-hlas ta' danni minghand is-socjeta`

konvenuta bhala agenti ta' Overbruck Seafreight armaturi tal-vapur Peninsular Bay u bhala operaturi tal-Bonded Stores minhabba li l-merkanzija hemm indikata li waslet f'Malta fit-28 ta' Ottubru 1996 giet ikkonsenjata lill-istess socjeta` importatrici fi stat ta' hsara.

Illi s-socjeta` konvenuta mhix qed tikkontesta li saret il-hsara *de quo* tant li mix-xhieda minnha proposta inkluza dik ta' Brian Gatt u ta' John E Sullivan fl-affidavit ta' dan ta' l-ahhar datat 21 ta' Novembru 2000 jirrizulta li l-istess socjeta` konvenuta qed tammetti li l-istess merkanzija waslet Malta u giet ikkonsenjata lis-socjeta` konvenuta bi hsara.

Illi fil-fatt tali hsara tirrizulta li giet certifikata minn *survey report* li jinsab esebit bhala Dokument 'D' a fol 14 tal-process liema *survey report* jidher li sar mis-socjeta` attrici fil-presenza tal-istess socjeta` konvenuta tant li mix-xhieda ta' Patrick Muscat moghtija minnu fl-affidavit tal-10 ta' Settembru 1999 l-istess socjeta` konvenuta accettat permezz ta' ittra datata 14 ta' Novembru 1996 (Dok PM3) li tali *survey* ikun ukoll *joint*, u ghalhekk jidher li l-partijiet fil-kawza mhux biss qablu dwar il-fatt li tali merkanzija giet ikkonsenjata bil-hsara, kif *di piu`* jidher mir-ritratti esebiti bhala Dok PM4 u PM5 izda wkoll dwar l-entita` tal-hsara li giet fil-fatt konstatata u eventwalment stabbilita fl-ammonti ndikati fic-citazzjoni attrici kif jidher minn Dok E u Dok F esebiti a fol 15 u 16 tal-process.

Illi l-kontestazzjoni tas-socjeta` konvenuta hija fis-sens li tali merkanzija giet moghbija mis-socjeta` SACO Shipping GMBH li taghhom l-agenti f'Malta huma s-socjeta` Palm Shipping Agency Limited, u fil-fatt tali merkanzija giet allegatament mghobbija fuq il-*container* tal-istess socjeta` SACO Shipping GMBH.

Illi dan gie kkonfermat fix-xhieda ta' John E Sullivan fl-istess affidavit fuq indikat izda kontra din l-allegazzjoni da parte tas-socjeta` konvenuta xorta jibqa' l-fatt li skond il-polza ta' karigu esebita bhala Dok B a fol 12 tal-process jirrizulta li tali merkanzija itghabbiet fuq il-vapur Peninsular Bay mis-socjeta` estera Overbruck Seafreight, li taghhom l-agenti f'Malta huma s-socjeta` konvenuta Sullivan Shipping Agencies Limited kif indikat fl-istess dokument, u allura ma hemm l-ebda dubju minn tali dokument li r-responsabilita` ghar-rigward tal-istess merkanzija *di fronte* ghas-socjeta` importatrici hija dik bejn l-istess socjeta` assigurata u s-socjeta` konvenuta, u ghalhekk la darba l-kliem fl-istess polza ta' karigu dwar l-istess relazzjoni guridika li tikkoncerna l-merkanzija *de quo* huwa car ma hemm l-ebda lok ta' interpretazzjoni.

Illi apparti dak premess nonostante dak kollu sostnut mis-socjeta` konvenuta jirrizulta car li tramite l-istess polza ta' karigu l-unika relazzjoni li l-istess socjeta` importatrici dahlet fiha hija dik biss mal-istess socjeta` estera Overbruck Seafreight li r-rapprezentanti taghha Malta hija proprju s-socjeta` konvenuta, u la darba dan huwa l-kaz,

isegwi li m'ghandu jkun hemm ebda dubju li l-istess socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-hsarat lamentati.

Illi jista' jkun u dan qed jinghad *obiter* li l-istess socjeta` konvenuta ghandha relazzjoni mas-socjeta` indikata estera rapprezentata Malta mis-socjeta` Palm Shipping Agency Limited, in vista ta' dak allegat li l-*container* fejn tghabbiet il-merkanzija *de quo* kien effettivament tas-socjeta` estera SACO Shipping GMBH, pero` dan bl-ebda mod ma jaffettwa in-natura tar-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti f'din il-kawza kif premess, salv li s-socjeta` konvenuta jista' jkollha *sit et quatenus* azzjoni ta' rivalsa kontra l-istess socjeta` Palm Shipping Agency Limited. Illi f'dan ir-rigward huwa utili li wiehed jinnota wkoll nonostante li saret it-tielet eccezzjoni mis-socjeta` konvenuta fejn indikat li s-socjeta` Palm Shipping Agency Limited kellha tigi kjamata fil-kawza, effettivament, u dan kif jirrizulta fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2000, din it-talba effettivament qatt ma saret stante li tali talba giet irtirata fl-istess seduta sabiex id-difensur tas-socjeta` konvenuta "*jirregola ruhu fuq in-necessita` o meno ta' din il-kjamat in kawza*". Illi ghalhekk stante l-premess l-ebda kjamat in kawza ma saret u in verita la darba r-relazzjoni guridika li tirregola r-rapport guridiku mertu ta' din il-kawza hija dik bejn il-partijiet odjerni, din il-Qorti hija tenuta biss biex taghti id-decizjoni taghha rigward l-istess relazzjoni guridika bejn il-partijiet odjerni fil-kawza *de quo*.

Illi dwar l-entita` ta' danni sofferti dawn jirrizultaw sodisfacentament ippruvati mid-dokumenti esebiti u fuq imsemmija, liema dokumenti ukoll ma gew bl-ebda mod ikkontestati mis-socjeta` konvenuta u ghalhekk l-ammont rikjest mis-socjeta` attrici ghandu jigi kkonfermat.

Illi dwar l-ahhar eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta din ma jidhirx li tapplika ghall-kaz *de quo* stante dak li gie ritenut fis-sentenza "**Dr Carmelo Chircop noe vs Avv Dr Kevin Dingli**" (P.A. (RCP) 9 ta' Jannar 2001, Cit Nru 1042/96/RCP), li ghaliha qed issir referenza u invista wkoll tal-fatt li kienet is-socjeta` konvenuta li minn jheddha u bla konsultazzjoni mas-socjeta` importatrici ghazlet li tali merkanzija tistivaha f'*container* flimkien ma merkanzija ohra kif ammess mill-istess socjeta` konvenuta.

Illi ghalhekk invista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` konvenuta **tilqa' t-talbiet attrici**, b'dan illi:

1. Tiddikjara lill-istess socjeta' konvenuta responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat fuq imsemmija;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta'

attrici is-somma ta' elf tmien mija u erbgha u erbghin lira Maltija (Lm1,844) *in linea* ta' danni sofferti mis-socjeta' impurtatrici u Ii d-drittijiet ghalihom gew surrogati lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tat-23 ta' Lulju 1997 sal-effetiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**25 ta' April 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**25 ta' April 2002**